**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Gunju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**-vs-**

**Renald Barbara, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 129981M**

***Kumpilazzjoni Nru. 227/2015***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Renald Barbara u ċioè talli:

> Nhar it-21 ta' Novembru, 2013, ikkommetta serq ta' vettura Renault bin-numru ta' reġistrazzjoni SPH 001 għad-dannu ta' Frank Portelli u jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€2,390.24) u għalhekk ikkwalifikat, bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.
>
> Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna xi ħsara jew ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' għamel ħsara fuq il-vettura SPH 001 għad-dannu ta' Frank Portelli u jew persuni oħra liema ħsara teċċedi iżjed minn elfejn hames mitt ewro (€2,500).

> Ġewwa dawn il-Gżejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex biegħhom jew mexxihom.
>
> Nhar it-12 ta' Ġunju, 2012, u fil-ġimgħat ta' wara appropja, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuni oħra, is-somma ta €3,000 għad-dannu tal-kumpanija Jac Steel Ltd u jew persuni oħra, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa li jsir użu minnha speċifikat.
>
> B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' tlett elef ewro għad-dannu ta' Jac Steel Ltd u jew persuni oħra.

Rat illi waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Mejju, 2016,[1] permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(v) Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(vi) Fl-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.134

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tielet imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li dwarha qed tinstab htija u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-hames imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghar-raba imputazzjoni li fiha jinkwadraw il-fatti specie ta' dan il-kaz; ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali ferm voluminuza tieghu, tal-ammissjoni tieghu li wasslet fi stadju ferm tardiv, kif ukoll ta' dak li gie kkonstatat mill-Ufficjal tal-Probation u l-Parole fejn tul hajjtu sa minn zmien l-addoloxxenza hu kien mahkum mill-vizzju tad-droga, li bla dubbju kien jwettaq reati sabiex jiffananzja tali vizzju.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 289, 293, 294, 310(1)(a),[2] 325(1)(a)[3] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u tal-hames akkuzi, fuq ammissjoni issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, u  tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' 4 snin u nofs prigunerija.

---

[2] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn tlettax il-xahar u seba snin prigunerija.

[3] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn tlettax il-xahar u erba snin prigunerija.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Finalment il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha **kemm jista jkun malajr biex jeghleb il-vizzju tad-droga** inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**